

Brussell, 11 ta' April 2022  
(OR. en)

5711/20  
COR 4 (mt)

AGRILEG 13  
VETER 8  
DELECT 12

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	11 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 2433 final
Suġġett:	<b>Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (II-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 174 tat-3 ta' Ġunju 2020)</b>

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 2433 final.

---

Mehmuż: C(2022) 2433 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.4.2022  
C(2022) 2433 final

### RETTIFIKA

**għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 174 tat-3 ta' Ġunju 2020)*

## RETTIFIKA

**għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 174 tat-3 ta' Ġunju 2020)*

F'paġna 346, fil-premessa (9), l-aħħar sentenza:

*minflok:* “Tipi oħrajn ta’ stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jenħtieġ li jittaffa r-riskju tat-tixrid tal-mard permezz tar-rekwiżit għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti huma l-istabbilimenti ta’ kwarantina, l-istabbilimenti li jżommu speċijiet li jgħorru l-vetturi iżolati sa dak iż-żmien li ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, u bastimenti u postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jiġu ttrattati jew jgħaddu minn proċeduri oħrajn relatati mat-trobbija.”,

*aqra:* “Tipi oħrajn ta’ stabbilimenti tal-akkwakultura fejn jenħtieġ li jittaffa r-riskju tat-tixrid tal-mard permezz tar-rekwiżit għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti huma l-istabbilimenti ta’ kwarantina, l-istabbilimenti li jżommu speċijiet vetturi iżolati sa dak iż-żmien li ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, u bastimenti u postijiet mobbli oħrajn fejn l-annimali tal-akkwakultura jiġu ttrattati jew jgħaddu minn proċeduri oħrajn relatati mat-trobbija.”.

F'pagna 372, fl-Anness I, il-Parti 9, it-titolu:

*minflok:* “**Ir-rekwiżiti għall-għoti ta’ approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura ta’ speċijiet ta’ vetturi f’iżolament, sakemm dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, kif imsemmi fl-Artikolu 16**”,

*aqra:* “**Ir-rekwiżiti għall-għoti ta’ approvazzjoni tal-istabbilimenti tal-akkwakultura li jżommu annimali tal-akkwakultura ta’ speċijiet vetturi f’iżolament, sakemm dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala vetturi, kif imsemmi fl-Artikolu 16**”.

F'paġna 377, fl-Anness II, il-Parti 1, il-punt (b), l-inċiż (ii):

*minflok:* “(ii) l-ispeċijiet elenkati msemmija fir-raba’ kolonna tat-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/1882; iżda daww l-ispeċijiet elenkati jridu jkunu f’kuntatt mal-ispeċijiet elenkati msemmija fit-tielet kolonna ta’ dik it-tabella sabiex jiġu kklassifikati bħala speċijiet ta’ vetturi, u dak il-kuntatt ma jkunx seħħ.”,

*aqra:* “(ii) l-ispeċijiet elenkati msemija fir-raba’ kolonna tat-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/1882; iżda dawk l-ispeċijiet elenkati jridu jkunu f’kuntatt mal-ispeċijiet elenkati msemija fit-tielet kolonna ta’ dik it-tabella sabiex jiġu kklassifikati bħala speċijiet vetturi, u dak il-kuntatt ma jkunx seħħ.”.